**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' April, 2019

Rikors Guramentat numru : 237/16 AL

A B C

vs

D B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici, li permezz tieghu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta' Ottubru 2004 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi esebit bhala Dok A;
2. Illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u dan bi ksur tal-Artikolu 19 (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta'Malta;
3. Illi in effetti fost affarijiet ohra, qabel ma gie celebrat dan iz-zwieg u anke wara, l-intimat kien vjolenti fuq il-persuna tar-rikorrenti u dan kif sejjer jigi ampjament pruvat waqt is-smigh ta' din il-kawza;

4. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi iz-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat nhar id-9 ta' Ottubru 2004, u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez u l-intimat ingunt in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : (fol 10)

1. Illi, preliminarjament l-allegazzjonijiet kollha kontenuti fir-rikors promotur tal-attriċi huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi ampjament muri waqt it-trattazzjoni tal-kawża;
2. Illi, l-kunsens tal-kontendenti ċertament kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewwġa u kif ukoll minħabba difett serju psikoloġiku imputabbli lil-mara sabiex hi tkun tista' l-obbligi taż-żwieġ, u dan bi ksur l-Art. 19(d) tal-Kap. 255 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Illi, kemm il-darba l-vjolenza imsemijja fit-tielet paragrafu tar-rikors promotur ma' huwiex element li jivvizzja iż-żwieġ sakemm ma jinkwadarax ruħu bħala element essenzjali tal-Art. 19(a) tal-Kap.255, din l-allegazzjoni inveritjeri hija totalment fiergħa u bla bażi u stante li dina saret f'dikjarazzjoni ġuramentata, il-konvenut jirriserva li jieħu dawk il-passi kollha għas-salvagwardja tar-reputazzjoni tiegħu u sabiex din l-allegazzjoni tiġi miċħuda permezz ta' proċeduri istitwiti għal dan l-iskop;
4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-konvenut D B ma jikkontestax it-talba sabiex iż-żwieġ bejn il-kontendenti ċċelebrat nhar id-09.10.2004 jiġi ddikjarat null u bla effett għal finijiet u l-effetti kollha tal-liġi

Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavits tal-partijiet u tax-xhieda minnhom prodotti;

Semgħet lill-partijiet u lix-xhieda minnhom prodotti;[1]

Rat illi l-partijiet ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet finali minkejja illi l-Qorti tathom l-opportunita' u terminu sabiex jagħmlu dan[2];

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut, li ġie kkontrattat fid-disgħa (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa (2004)[3], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[4].

<u>IL-VERŻJONI TAL-ATTRIĊI</u>

[1] Lill-**attriċi** fl-udjenza tal-1 ta' Novembru 2017, fol. 38; lill-**konvenut** fit-2 ta' Mejju 2018, fol. 83; u lil **J B K** fit-23 ta' Mejju 2018, fol. 88;
[2] Udjenza tat-3 t'Ottubru 2018, verbal a fol. 106;
[3] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv esebit fol. 5;
[4] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

L-**attriċi** xehdet bil-proċedura tal-affidavit[5], fejn hija spjegat illi l-partijiet iltaqgħu meta kellhom sbatax-il sena u sussegwentement iżżewġu ta' erbgħa u għoxrin (24) sena.

Tirrakkonta episodju li seħħ lejn l-aħħar tal-għerusija tagħhom fejn waqt li hija kienet qiegħda tirranġa u titwi l-ħwejjeġ tal-konvenut, kienet sabet video casette moħbi taħt il-ħwejjeġ[6]. Huwa kien irvilla u qalilha li dak kien tahulu ħabib tiegħu. Tant kien irvilla li kien tefagħlha xi ħaġa fid-direzzjoni tagħha. Minkejja li dan l-aġir tiegħu dejjaqha, hija ddeċidiet li taħfirlu u ż-żwieġ kien sar.

Tilmenta illi minkejja li kellhom żewġt'itfal, kellhom problemi fir-rapport sesswali, fis-sens li ma kienx ikun irid ikollu relazzjonijiet magħha u dejjem b'xi skuża lesta. B'hekk hija kkonvinċiet ruħha illi kien ossessjonat fuq il-pornografija jew li kellu wiċċ ħaddieħor.

Tiftakar li darb'oħra garalha oġġett fid-direzzjoni tagħha u kważi laqatha. Darb'oħra G daqqa ta' ponn fuq rasha. Hija kienet tissaporti dan l-atteġġjament u qatt ma marret tagħmel rapport, ukoll għaliex kienet tibża li kien isir iktar vjolenti. Tiftakar illi meta twieled it-tieni wild tagħhom, kellha t-tarbija tat-twelid f'idha u kien G daqqa ta' ras fuq moħħha b'mod li hija ntefgħet lura u sabet ruħha fuq is-sufan.

Tirrakkonta episodju ieħor li seħħ meta binhom F kellu sitt snin iżda li qalilha dwaru biss riċentement. Dan it-tifel kien mar jassisti lil ħuh fil-kamra tal-banju u sakemm stenna lil ħuh, huwa ittawwal għal kamra oħra, fejn ra lil missieru jara l-pornografija.

Xehdet ukoll **E C**[7], omm l-attriċi li rrakkontat kif meta l-partijiet kienu jgħixu magħha huma kienu jilletikaw u jgħajtu ta' spiss. Ikkorraborat dak li xehdet bintha dwar l-episodju fejn huwa G daqqa ta' ras meta

---

[5] Fol. 17;

[6] Fix-xiehda tal-attriċi mogħtija fl-1 ta' Novembru 2017, hija kienet ikkonfermat illi qatt ma rat il-kontenut ta' dan il-video casette, fol. 50;

[7] Affidavit fol. 20;

kellha t-tarbija f'idejha u tefagħha fuq is-sufan. Dan kien seħħ ukoll quddiem il-ġenituri tal-konvenut u filfatt missieru kien ikkoreġih, iżda l-konvenut kien imbuttah u telaq 'il barra. Iżżid illi l-konvenut kien ta' ftit kliem iżda kien dejjem iqatta' ħin twil waħdu fuq il-kompjuter. Bintha fetħet qalbha magħha fejn qaltilha li kienet qabditu jara l-pastażati fuq il-kompjuter.

## IL-VERŻJONI TAL-KONVENUT

Il-**konvenut** xehed ukoll bil-proċedura tal-affidavit[8] fejn huwa spjega li ż-żwieġ tagħhom kien wieħed tajjeb u ferrieħi għalkemm ġieli kellhom xi jgħidu bejniethom. L-attriċi kienet tieħu ħsieb it-tfal u d-dar u kienet issajjarlu regolarment.

Jgħid li l-ħajja tagħhom inbidlet hekk kif kellhom it-tfal għaliex fejn qabel kienu qrib ħafna ta' xulxin, wara t-tfal, l-attriċi ma riditx ikollha relazzjonijiet intimi miegħu. L-affarijiet marru ferm għall-agħar meta marru jgħixu għand ommha ġewwa Ħal-Luqa, ħaġa li kellha tkun temporanja sakemm ilestu l-propjeta` l-ġdida tagħhom. Is-sitwazzjoni matrimonjali tagħhom xejn ma kienet feliċi fid-dar t'ommha għaliex lanqas film ma kienet tara miegħu. Ma baqgħux joħorġu qatt bħala familja, fejn qabel kienu jmorru l-Quddiesa flimkien imbagħad iżuru lill-ġenituri tiegħu. Hi nqatgħet għaliha u bdiet tagħmel l-affarijiet biss ma' ommha, imqar ix-xiri. Il-konvenut tkellem ma' oħtha J u din ukoll indunat bil-bidla li saret fiha. Kienet tkellimha quddiemu bit-telefon u tipprova tifhem x'kien għaddej minn moħħha. Iżda dan kien għal xejn, għax hi ma riditx taf iktar bih minħabba xi materjal pornografiku li darba ratu jara.

Dwar dan huwa jammetti li xi drabi ra materjal pornografiku iżda dan mhux għax huwa ossessjonat iżda għax għalih *"li raġel xi kultant jara materjal pronografiku hija xi ħaġa normali."* Dwar id-darba li qabdu t-

[8] Fol. 29;

tifel jara dan il-materjal, jispjega illi huwa kien qiegħed jipprova iniżżel film għat-tfal u bdew jitilgħu dawn ir-reklami mal-ġenb tal-iskrin u hu ma kienx pront biżżejjed biex jagħlaq ir-reklam. Jiċħad li dan kien isir ripetutament kif tallega martu. Jiċħad ukoll li huwa ossessjonat bil-pornografija.

Isostni li martu qiegħda taqbad ma' kull zokk u fergħa li ssib sabiex tiġġustifika l-firda tagħha minn miegħu. Dan sabiex taħbi r-relazzjoni li hija għandha ma' G H li huwa l-iben ta' I, żewġ E Cachia, omm l-attriċi. Dana kien jidħol regolarment fid-dar ta' omm ir-rikorrent. Ir-rikorrent bdiet tqatta' ħafna ħin miegħu twasslu 'l hemm u 'l hawn u saret protettiva ħafna fil-konfront tiegħu. Isostni li ż-żwieġ tagħhom tkisser propju minħabba r-relazzjoni li bdiet tissawwar ma' dan G. Kien għal ħabta tas-16 ta' April 2015, li l-partijiet kellhom ġlieda kbira u l-konvenut kien telaq. Sussegwentement meta pprova javviċina lill-attriċi biex jirranġaw l-affarijiet ta' bejniethom, hija saret estremament aggressiva u bdiet tkellmu b'tali mod li kellu jaċċetta li dan G jagħmel li jrid.

Dwar l-intimita` ta' bejniethom, il-konvenut xehed[9] illi huma kellhom "ħafna ħafna" problemi iżda li dawn kienu ġejjin min-naħa ta' martu. Xehed illi martu matul il-lejl kienet tibqa' mqajma u ma toqgħodx ħdejh xi drabi toqgħod taħsel il-ħwejjeġ. Wara li kellhom it-tieni tifel ma kinitx iktar interessata, għalkemm qabel kien kollox normali. Wara t-tfal, ir-relazzjonijiet tagħhom kienu saru "ħafna ħafna ħafna rari" "forsi darba kull erba' xhur".

Xehdet ukoll **J B K**[10], oħt l-attriċi, iżda prodotta mill-konvenut. Dina xehdet illi għal bidu li żżewġu oħtha u l-konvenut kienu sejrin tajjeb. Dak iż-żmien hija u oħtha kienu qrib ta' xulxin u jgħixu fl-istess raħal. Ġieli siefru flimkien bħala koppji u kienet tarahom normali. Sakemm xtraw id-dar il-ġdida f'Ħal-Luqa ma kien hemm ebda inkwiet

---

[9] Fl-udjenza tat-2 ta' Mejju 2018, fol. 84;

[10] Fl-udjenza tat-23 ta' Mejju 208, fol. 88;

bejniethom. Meta oħtha sseparat mar-raġel, kienet qalet li għamlet dan għaliex kienet qiegħda tissawwat u għaliex kien hemm xi pornografija. Fil-fehma tax-xhud, dawn ma kinux ir-raġunijiet veri għaliex hija nfirdet minn ma' żewġha imma għaliex kien hemm terza persuna u cioe dan G li kien iben ir-raġel ta' ommhom. Hija ma telqitx wara l-inkwiet tal-pornografija, iżda skond ix-xhud qed tużaha bħala skuża. Dwar il-vjolenza fuq il-persuna tagħha l-attriċi qatt ma qaltilha xejn u hi qatt ma rat xi sinjali ta swat fuqha. Lanqas ommhom, qatt ma qalet lix-xhud li l-konvenut kien isawwatha. Iżda kienet qaltilha li kienet hi li keċċietu 'l barra meta ġġieldu.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqha hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipula:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***-omissis-***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun

validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[11]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia*

[11] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP);

*gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[12]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[13]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obliighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [14]

---

[12] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP) ;

[13] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP);

[14] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994;

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[15]

APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbilit l-aspett legali tal-kunċett tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

L-attriċi tallega illi ż-żwieġ tagħha mal-konvenut huwa null in vista illi l-konvenut kien afflitt minn difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa peress illi dana kien ossessjonat mill-pornografija u wkoll għaliex kien isawwatha. Il-konvenut jiċħad dan li qiegħed jiġi allegat fil-konfront tiegħu u jinsisti li huwa minnu li ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi huwa null iżda dan għaliex hija kienet afflitta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju u mhux hu, għaliex hija kienet adultera fil-konfront tiegħu.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi din hija kawża għall-ksib tal-annullament u mhux tas-separazzjoni u b'hekk kwalsijasi lment illi jressqu l-partijiet irid jirrisali għall-mument li fih huma taw il-kunsens.

---

[15] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM);

Rigward l-ilment tal-partijiet relattiv għan-nuqqas ta’ intimita` bejniethom, il-partijiet jikkontradixxu ruħhom fejn jattribwixxu dan in-nuqqas kull wieħed lill-parti l-oħra. Illi b’hekk dan l-ilment jitlef kull kredibilita`. Jitlef ukoll il-kredibilita` in vista li l-partijiet kellhom żewġ ulied mingħajr diffikolta`.

L-attriċi lanqas ma rnexxielha tipprova illi żewġha kien afflitt min-nuqqas ta’ diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa a tenur tal-vizzju tal-pornografija u tal-vjolenza fuqha, kif minnha allegat. Fil-waqt illi l-konvenut ma jiċħadx illi ġieli ra xi materjal pronografiku, fil-fehma tal-Qorti, dana mhuwiex bniedem ossessjonat bil-pornografija, tant illi l-vizzju jirrendih inkapaċi li jagħti kunsens liberu u validu għaż-żwieġ. Fir-rigward tal-vjolenza, ġie ippruvat episodju wieħed ta’ vjolenza ħafifa fuq il-persuna tal-attriċi mill-konvenut, liema episodju filwaqt li jibqa’ tenut dejjem deplorabbli, mhuwiex tali illi jattira n-nullita` taż-żwieġ.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut jipprova jikkonvinċi lil Qorti li ż-żwieġ tal-partijiet huwa null għab-bażi tal-adulterju ta’ martu. Il-Qorti tirrileva illi l-episodji li jagħmel referenza għalihom il-konvenut fix-xeihda tiegħu jirrisalu għal ħdax-il sena wara ż-żwieġ tagħhom u fil-waqt li anke dan l-aġir huwa deplorabbli, sabiex jattira n-nullita` taż-żwieġ, il-konvenut kien jeħtieġlu jipprova illi fil-mument tal-għoti tal-kunsens martu kienet ġja f’relazzjoni oħra jew kellha l-intenzjoni li tkun f’relazzjoni adultera minkejja ż-żwieġ tagħha miegħu u cioe li hija kienet qiegħda teskludi l-fedelta` mir-rabta taż-żwieġ tagħhom. Dana oltré l-fatt illi r-ritratti u l-video li l-konvenut wiegħed[16] illi sejjer jesebixxi sabiex jipprova l-adulterju ta’ martu baqgħu qatt ma ġew esebiti in atti.

Fil-fehma tal-Qorti, iż-żwieġ tal-partijiet huwa wieħed validu iżda li sfortunatament sfaxxa għal diversi raġunjiet wara diversi snin. Fil-fatt, ix-xhieda kollha jaqblu li fil-bidu tal-ħajja miżżewġa, kollox kien miexi sewwa. Il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-provi miġjuba f’din il-kawża u ma

[16] Affidavit tal-konvenut fol. 35;

tista' ssib xejn fiha li b'xi mod jipprova li fil-mument illi taw il-kunsens, l-elementi tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kienu neqsin mill-partijiet jew min minnhom. Għaldaqstant il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-attriċi ipprovat, sal-grad li tirrikjedi l-liġi, illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, u konsegwentement għan-nullita` taż-żwieġ bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-azzjoni tal-attriċi għan-nullita` taż-żwieġ, għab-bażi tal-kawżali tan-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju ma tistax tkun suċċess u konsegwentement li t-talba attriċi m'hijiex ġustifikata u ma timmeritax li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi **tiċħad** it-talbiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.